# REGOLAMENTI FESTIVAL TA’ NAR TAL-ART MEKKANIZZAT 2026

## WERREJ


1. ELIĠIBILITA’ TAL-PARTEĊIPANTI ..... 2
2. SKEDA TA’ DATI U ĦINIJIET ..... 2
3. REGOLI U DETTALJI FUQ L-IRDIEDEN U PRODOTTI UŻATI ..... 3
4. DIREZZJONIJIET OĦRA ..... 7
5. SUSSIDJU FINANZJARJU ..... 8
6. IL-ĠURIJA U L-VOTAZZJONI TAL-FESTIVAL ..... 9
7. KATEGORIJI TAL-FESTIVAL ..... 11
8. AFFARIJIET OĦRA ..... 14
9. PROTESTI ..... 16
10. TĦABBIR TAR-RIŻULTATI U OBBLIGI TAR-REBBIEĦA ..... 16

## 1. ELIĠIBILITA' TAL-PARTEĊIPANTI

1.1. Dan il-Festival, li hu festival ta' nar tal-art mekkanizzat, ser ikun miftuħ għall-Kmamar tan-Nar Maltin u Għawdxin, kif ukoll għal dawk l-Għaqdiet u Organizzazzjonijiet, li huma assoċjati mal-Għaqda Piroteknika Maltija sa mis-sena 2025.

1.2. Dawk interessati għandhom jissottomettu l-applikazzjoni inkluż id-dettalji kollha mitluba, sad-data indikata fl-iskeda.

1.2.1. Applikazzjonijiet li jkunu sottomessi aktar tard miż-żmien indikat fl-iskeda ma jiġux ikkunsidrati.

1.2.2. Applikazzjonijiet b'dettalji jew dokumenti neqsin, ma jiġux ikkunsidrati.

1.3. Dawk il-Kmamar tan-Nar/Għaqdiet li ħadu sehem fl-edizzjonijiet preċedenti ta' dan il-Festival jistgħu jerġgħu jieħdu sehem fil-Festival 2026.

1.3.1. Min ser jipparteċipa fl-edizzjoni 2026 ma jistax jesebixxi irdieden (bħala disinn meta jixgħel u jidher bin-nar u mhux il-qafas) li kienu ppreżentati fl-edizzjoni tal-2025.

1.3.2. Irdieden li bihom intrebħu edizzjonijiet preċedenti ta' dan il-festival (jiġifieri ir-rebbieħa ġenerali), ma jistgħux jiġu esibiti.

1.3.3. F'każ ta' ksur ta' wieħed min dawn ir-regolamenti il-ġurija tista' tiddeċiedi li tiskwalifika lill-parteċipant. Dan jiġi deċiż wara verifiki ma' ritratti u footage tal-edizzjoni preċedenti.

1.4. L-Organizzatur jista' jtawwal iż-żmien sa meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet.

## 2. SKEDA TA' DATI U ĦINIJIET

| Milestone | Data | Ħin | Responsabbli |
|---|---|---|---|
| Pubblikazzjoni tad-data u ħin tal-festival, tar-regolamenti u ftuħ tal-applikazzjonijiet. | 13 ta' Frar 2026 | 09:00 | Organizzatur |
| Laqgħa ta' kjarifika għal Parteċipanti Prospettivi. | 16 ta' Frar 2026 | 18:00 | Organizzatur - Għaqda Piroteknika - MTA |
| Tmiem għal żmien ta' kjarifika jew talbiet għall-estensjoni. | 20 ta' Frar 2026 | 18:00 | Organizzatur |
| Tmien għal żmien ta' sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. | 20 ta' Frar 2026 | 18:00 | Organizzatur |
| Bidu tal-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet. | 20 ta' Frar 2026 | 18:00 | Organizzatur - Għaqda Piroteknika |
| Laqgħa tal-għażla tal-Parteċipanti/Laqgħa għal Parteċipanti | 23 ta' Marzu 2026 | 18:00 | Organizzatur - Għaqda Piroteknika |
| Talba lill-Parteċipanti magħżula sabiex jissottomettu dokumenti. | 23 ta' Marzu 2026 | 18:00 | Organizzatur |
| Skadenza taż-żmien għal sottomissjoni ta' dokumenti. | 16 ta' April 2026 | 18:00 | Organizzatur |
| Bidu tal-armar tal-ħadid fuq il-Fossos. | 16 t'April 2026 | 17:00 | Organizzatur - MTA |
| Bidu tal-armar tan-nar. | 17 t'April 2026 | 06:00 | Organizzatur - MTA |
| L-ewwel site visit tal-Ġurija. | 17 t'April 2026 | 09:00 | Organizzatur - MTA |
| L-ewwel site visit tal-Inġinier li ser jiċċertifika l-irdieden. | 17 t'April 2026 | 11:00 | Organizzatur - MTA |
| It-tieni site visit tal-Ġurija. | 18 t'April 2026 | 09:00 | Organizzatur - MTA |
| it-tieni site visit tal-Inġinier li ser jiċċertifika l-irdieden. | 18 t'April 2026 | 10:00 | Organizzatur - MTA |
| Tmiem għal żmien tal-armar u twaqqif tal-irdieden. | 18 t'April 2026 | 16:00 | Organizzatur |
| Tmiem ta' tibdil tekniku sabiex tkun assigurata s-sigurta (4.00pm). | 18 t'April 2026 | 16:00 | Organizzatur |
| Bidu tal-ħarqa. | 18 t'April 2026 | 22:30 | Organizzatur |
| Tmiem għal żmien ta' sottomissjoni ta' protesti. | 19 t'April 2026 | 08:00 | Organizzatur |
| Evalwazzjoni tal-ħarqa mill-Ġurija. | 19 t'April 2026 | 09:00 | Organizzatur - Għaqda Piroteknika |
| Tħabbir tar-riżultati. | 20 t'April 2026 | 18:00 | Organizzatur - Għaqda Piroteknika |

## 3. REGOLI U DETTALJI FUQ L-IRDIEDEN U PRODOTTI UŻATI

3.1. In-numru massimu ta' irdieden li jistgħu jipparteċipaw fil-festival huwa ta' sittax-il (16) raddiena.

3.2. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Organizzatur, kull Parteċipant jista' jdaħħal għall-kompetizzjoni mhux aktar minn żewġt irdieden b'dan-il mod:

3.2.1. Applikazzjoni b'żewġt irdieden; waħda mill-irdieden trid tinkiteb f'waħda mill-Kategoriji 1 sa 4 u r-raddiena l-oħra f' Kategorija 5.

3.2.2. Applikazzjoni b'raddiena waħda; ir-raddiena tista' tinkiteb biss f' waħda mill-Kategoriji 1 sa 4.

3.3. L-Organizzatur ser jagħti l-ewwel preferenza lil dawk l-applikanti li għażlu li jipparteċipaw b'żewġt irdieden.

3.4. Dan il-festival huwa ta' natura kompetittiva, għaldaqstant kull kategorija (Kategoriji 1 sa 4) ma jistax ikollha anqas minn żewġ parteċipanti.

3.4.1. Fl-applikazzjoni kull applikant hu meħtieġ li jindika b'mod prefrenzjali x-xewqa ta' parteċipazzjoni fil-kategoriji kollha applikabli skont regola 3.1.1.1.

3.5. Sabiex jintgħażlu l-parteċipanti massimi skond ir-regola 3.1 kif ukoll il-kategoriji, l-Organizzatur jagħmel polza b'dan il-mod:

3.5.1. Fl-ewwel urna jitpoġġew l-applikanti b'żewġt irdieden.

3.5.2. Fit-tieni urna jitpoġġew l-applikanti b'raddiena waħda.

3.5.3. Titella s-sekwenza ta' parteċipazzjoni minn fost l-applikanti kollha, li tibda bl-applikanti b'żewġt irdieden u tkompli għal dawk b'raddiena waħda.

3.5.4. Skont is-sekwenza ta' tlugħ tingħata l-preferenza ta' parteċipazzjoni skond l-iskeda tal-kategorija indikata fuq l-applikazzjoni mill-applikant.

3.5.5. Fil-kaz li wara tlugħ tal-polza biex jintgħażlu l-parteċipanti rispettivi u Kategorija jew Kategoriji partikolari ma jkolliex/homx il-parteċipazzjoni minima skont kif indikat f'regola 3.1.3, l-Organizzatur jevalwa l-applikazzjoni tal-parteċipant fit-tali kategorija, mill-aħħar parteċipant applikabbli biex jipparteċipa (skont il-polza), sabiex jibdel il-Kategorija ta' parteċipazzjoni skont il-preferenza indikata fl-applikazzjoni tal-imsemmi applikant. Dan l-eżerċizzju jirrepeti ruħu sakemm regola 3.1.3 tkun rispettata.

3.5.6. F'dan l-istadju applikant ma jistax jibdel l-iskeda ta' preferenza tal-Kategoriji magħżula fl-applikazzjoni.

3.6. F'każ li numru ta' applikanti b'żewġt irdieden jkun aktar minn numru massimu ta' irdieden stipulati f'regola 3.1, dawk l- applikanti li japplikaw b'żewġt irdieden u li ma jintagħażlux, ikollhom 'right of first refusal' bi prijorita skont il-polza f'regola 3.1.4.3 għall-parteċipazzjoni fil-festival tas-sena ta' wara. Dan dejjem jekk il-festival ikun ser isir u jekk il-parteċipant juri l-intenzjoni li jipparteċipa permezz ta' applikazzjoni ġdida fil-ħin stipulat.

3.6.1. Din ir-regola ma tgħoddx għall-applikanti b'raddiena waħda li ma ġewx mgħażula.

3.7. F'kaz li l-applikant/parteċipant jirtira l-applikazzjoni jew l-parteċipazzjoni jew ikun sospiż f'xi wieħed mill-istadji tal-festival, l-Organizzatur jista' jimla l-post vakanti billi jagħżel lill-Parteċipant li jmiss skont il-polza msemmija fir regola 3.1.4.3. F'dan il-każ il-parteċipant uxxenti ma jkollux id-dritt msemmi f regola 3.1.5.

3.7.1. F'każ li l-parteċipazzjoni tkun imħabbra b'mod uffiċjali mill-Organizzatur, il-Parteċipant għandu l-obbligu li jagħti bil-miktub lill-Organizzatur ir-raġuni għall-irtirar tiegħu mill-festival. Liema raguni trid tigi evalwata mill-Organizzatur u f'każ ta' nuqqas ta' validita l-Organizzatur jista' jċaħħad lill-Parteċipant uxxenti minn festivals segwenti.

3.7.2. F'kaz li Parteċipant jirtira u ma jinstabx parteċipant ulterjuri minn fost l-applikanti sabiex il-kategorija/i vakanti jonoraw regola 3.1.3, il-kompetizzjoni fit-tali kategorija ma tkunx tista' isseħħ.

3.7.3. Biss il-Parteċipant singulari xorta waħda irid jesebixxi r-raddiena u jekk jilħaq il-75% tal-punti fil-kategorija rispettiva flimkien mal-ħlas meritat għar-rebħ ta' din il-kategorija.

3.7.4. Il-punti miksuba f'din il-kategorija jgħoddu daqs li kieku għall-premju ta'rebħ tal-festival.

3.8. L-Organizzatur għandu jagħmel polza minn fost il-Parteċipanti magħżula sabiex tiġi determinata il-pożizzjoni tal-armar u l-ħruq, bl-għażla tibda minn fost il-Parteċipanti ta' raddiena waħda (jekk ikun il-kaz) u ssegwi għall-Parteċipanti b'żewġt irdieden. L-ewwel post huwa dak l-eqreb lejn il-knisja ta' Knisja ta' San Publiju fil-Furjana.

3.9. Huwa fir-responsabiltà tal-Applikant li jara li r-raddiena li ser jippreżenta tkun taqbel mad-deskrizzjoni tal-Kategorija imniżżla f'dawn ir-regoli, u fl-ambitu tal-arti u sena tal-arti piroteknika fil-qasam tal-logħob tan-nar tal-art Malti.

3.10. F'każ ta' poloz dawn isiru b'mod pubbliku fl-uffiċju tal-Organizzatur u fil-preżenza ta' rappreżentant tal-Għaqda Piroteknika Maltija.

3.11. Il-Parti movimentata/li tiċċaqlaq ta' kull raddiena ma tridx tkun anqas minn sitt (6) metri minn tarf sa tarf.

3.11.1. Dan il-qies jgħodd għal meta t-tali raddiena tkun fl-aktar pożizzjoni miftuħa, jiġifieri minn tarf ta' barra sa tarf ta' barra tal-istruttura tad-disinn li jiċċaqlaq (ma jinkludix oġġett pirotekniku eż it-tul tal-gas).

3.11.2. Dan il-qies minimu, ma jgħoddx għall-irdieden ta Kategorija 4 (3D).

3.12. Kull raddiena trid tintrama fuq arblu wieħed li fil-ħxuna u tul tiegħu jippermetti li r-raddiena tkun armata b'mod sigur u li tkun tista' titgawda mill-pubbliku f'pjazza daqshekk kbira bħalma huma l-Fosos tal-Floriana.

3.12.1. Il-Parteċipanti jridu jużaw biss toqob eżistenti li jimmarka l-Organizzatur li l-qies taghhom huwa ċirca 25cm.

3.12.2. L-Organizzatur mhux ser jagħmel toqob ġodda u l-parteċipanti m'humiex permessi li jagħmlu toqob ġodda (ta' l-ebda qies).

3.12.3. Sabiex tkun assigurata l-stabbilita tal-istruttura, jistgħu jintramaw saqajn ta' sapport li jserrħu mal-art (direttament jew indirettament) jew ventijiet marbutin ma' kontra piż (eż

blokka tal-konkos jew tankijiet mimlija bl-ilma). Fl-ebda ħin dawn ma jistgħu jostakolaw Triq Sarria jew jagħmlu ħsara fuq il-Fossos.

3.13. L-irdieden iridu jintramaw kollha f'ringiela waħda mal-ġenb tal-Fosos. Dan sabiex il-ħarqa tkun tista' tiġi immaniġġjata bl-aħjar mod skond id-direzzjoni tar-riħ u sabiex kemm jista' jkun l-irdieden ikun affetwati b'mod ugwali mis-saħħa tar-riħ.

3.14. Ir-raddiena trid iddur permezz ta' forza ġġenerata b'mod pirotekniku biss.

3.15. Kull raddiena ppreżentata mill-Parteċipant għandha tinkludi prinċiparjament raddiena mekkanizzata waħda. Dan ifisser li l-partijiet kollha tar-raddiena li jiċċaqalqu sabiex joħolqu disninn iridu jkunu konnessi mekkanikament u fiżikament flimkien biex jittrasferixxu l-moviment, il-forza, jew it-torque direttament minn parti għal oħra.

3.15.1. L-armar u użu t' irdieden mekkaniċi oħra, li ma jikkumplimentawx l-istruttura prinċipali u d-disinn oriġinali jkun penalizzat b'nuqqas ta' punti.

3.16. Kull raddiena trid iddum tinħaraq hekk kif imiss:

3.16.1. Raddiena fil-Kategoriji 1 sa 4: mhux anqas minn minuta (1) u mhux aktar minn ħames (5) minuti.

3.16.2. Raddiena fil-Kategorija 5: mhux anqas minn minuta u nofs (1.5) u mhux aktar minn ħames (5) minuti. F'din il-kategorija il-funtajjen tal-kulur jew effetti piroteknici li joħolqu raxx, li ma jinkludix il-funtani tal-porvli użati għall-ġenerazzjoni tas-saħħa neċessarja biex iddur ir-raddiena, iridu jkunu qegħdin jaqbdu b'mod prominenti sa minn tletin (30) sekonda mill-ħruq tar-raddiena sat-tmien tagħha.

3.16.3. Matul dan il-ħin il-parti li tiċċaqlaq tar-raddiena hija mistennija li minn tal-anqas tagħmel ċiklu wieħed (1) sħiħ. Ifisser li l-parti movimentata u r-raddiena fl-intier tagħha trid tiġi fejn kienet qabel inħarqet għal tal-anqas darba. Nuqqas ta' dan isarraf f'nuqqas serju ta' punti.

3.16.4. Il-ħin minimu tal-ħruq ma jinkludix l-effetti pirotekniċi fissi li jinħarqu qabel jew wara l-moviment, iżda kull effett pirotekniku preżentat m'għandux jeċċedi l-ħin massimu stipulat għal kull tip ta' raddiena.

3.17. Ma jistgħux jintużaw żbroffi, fjammi jew xi forma ta' nar ieħor simili jew nar li hu projbit mill-Liġi. Dan jinkludi wkoll dawk hekk imsejħa żbruffatura tal-fuel.

3.18. L-użu ta' igniters elettroniċi (kaps) jista jintuża biss għall-ħruq inizjali tar-raddiena. Dan jista' jkun skedat f'żewġ (2) xokkijiet, fejn il-ħin bejn l-ewwel xokk u t-tieni xokk ma jistax ikun aktar minn għaxar (10) sekondi. Qabel jinħaraq/jingħata l-ewwel xokk ma jrid ikun hemm xejn jaqbad mir-raddiena.

3.18.1. L-ammont ta' igniters elettroniċi li jistgħu jintużaw hu limitat mis-sistema li ser tintuża u li din trid tiġi provduta mill-Parteċipant stess.

3.19. L-Organizzatur ser jipprovdi s-servizzi ta' Inġinier sabiex jiċċertifika li l-irdieden huma siguri. Għalhekk il-Parteċipanti huma obligati, li sad-data indikata fl-iskeda, jissottomettu informazzjoni teknika dwar l-irdieden li ser jintramaw.

3.19.1. L-informazzjoni tista' tingħata fil-forma ta' stampi, kalkoli ta' tagħbija, mudelli ta' stress/strain u deskrizzjoni teknika tal-materjali użati u qisien.

3.19.2. L-Inġinier imqabbad għandu dritt jipproponi tibdil u titjib tekniku sabiex kull raddiena tilħaq il-livell ta' sigurtà mixtieq. Għaldaqstant jkun hemm-il possibbiltà li jingħata ċans lill-Parteċipant sabiex iwettaq dan it-tibdil u titjib.

3.19.3. Iżda il-ħin biex titwettaq din il-ħidma korrettiva għandu jiskadi fl-4:00pm tal-ġurnata skedat għall-kompetizzjoni.

3.19.4. F'każ li l-Parteċipant ma issegwix l-istruzzjonijiet, l-Inġinier hu obbligat jirrapporta liċ-Chairperson tal-Ġurija bil-miktub, u ċ-Chairperson hu obbligat li jgħaddi l-informazzjoni lill-ġurija, sabiex tiddeċiedi jekk issirx skwalifika tar-raddiena/irdieden in kwistjoni.

3.19.5. F'każ ta' ilment mill-Parteċipant dan għandu jitressaq bil-miktub mill-kelliem ewlieni permezz ta' email indikat mill-Organizzatur. Korrispondenza minn persuni oħra ma jinqrawx.

3.19.6. Jekk kemm-il darba ir-raddiena tibqa' ma tilħaqx il-livell ta' sigurtà mistenni u b'hekk iċ-ċertifikat ma joħroġx, dik ir-raddiena ma tkunx tista' tinħaraq b'riżultat ta' skwalifika b' mod komplet u immedjata mill-kompetizzjoni u kull forma ta kumpens finanzjajru.

## 4. DIREZZJONIJIET OĦRA

4.1. Il-Parteċipanti għandhom ikunu konformi mal-liġijiet relevanti kollha tal-Unjoni Ewropea u Maltin inklużi imma mhux biss limitatament ir-Regolamenti dwar kontroll ta' Xogħlijiet tan-nar u Esplosivi oħra (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 33.03 tal-Liġijiet ta' Malta).

4.2. Il-Parteċipanti jobbligaw ukoll lilhom infushom li jsegwu kull struzzjoni li toħroġ mir-rapport tar-Risk Assessment.

4.2.1. B'hekk l-Organizzatur qiegħed jobbliga ruħu li jgħaddi kopja tar-Risk Assessment lil kull applikant/parteċipant.

4.3. L-Organizzatur ma jidħolx bl-ebda mod responsabbli mal-Awtoritajiet f'każ ta' ksur tal-liġi/struzzjonijiet minn xi Parteċipant partikolari.

4.3.1. Kull Parteċipant irid jassigura ruħu li l-persuni fi ħdan il-grupp tiegħu li ser ikunu qegħdin jgħinu fl-armar u ż-żarmar tal-irdieden għandu jkollhom aktar minn 18-il sena u waqt li jkun qiegħed jintrama jew jiżżarma logħob tan-nar mar-raddiena, dawn il-persuni għandhom ikunu liċenzjati skond ir-regolamenti dwar il-logħob tan-nar (A, B, C jew D).

4.3.2. Sad-data indikata fl-iskeda, kull Parteċipant għandu jibgħat lista ta' persuni, inkluż kopja tal-liċenzji tagħhom, li ser ikunu qegħdin jarmaw u jżarmaw il-logħob tan-nar mal-irdieden lill-Organizzatur.

4.3.3. Dawn il-persuni ser jiġu identifikati u huma biss ser jitħallew jidħlu qrib l-irdieden rispettivi.

4.3.4. Jekk din l-informazzjoni ma tintbagħatx sad-data stipulata mill-Organizzaturi allura dan jista' jwassal biex il-Parteċipant ikun sospiż mill-kompetizzjoni.

4.4. Kull Parteċipant għandu jassigura ruħu li persuna/persuni b'liċenzja A għandu jagħmel xogħol ta' superviżjoni waqt li r-raddiena tkun qegħda tiġi armata, waqt li tkun imwaqqfa u waqt iż-żarmar.

4.4.1. Jekk din ir-regola ma tkunx osservata l-Organizzaturi jista' jissospendi lill-Parteċipant mill-kompetizzjoni.

4.5. Minħabba raġunijiet ta' sigurtà, ser tinħoloq żona ta' esklużjoni madwar l-irdieden. Tlett rappreżentanti minn kull Parteċipant ser jitħallew jidħlu f'din iż-żona sabiex jaħarqu u jattendu l-ħruq tal-irdieden/raddiena rispettivi tagħhom.

4.5.1. Dawn ir-rappreżentanti għandhom ikunu identifikati fl-applikazzjoni. Wieħed minn dawn it- tlieta jrid ikun detentur ta' liċenzja tal-logħob tan-nar A, filwaqt li t-tnejn l'oħra għandhom ikunu detenturi ta' liċenzja tal-logħob tan-nar A, B jew C.

4.5.2. Waqt li l-irdieden ikunu qegħdin jinħarqu dawn ir-rappreżentanti ma jistgħux javviċinaw, jiddiskutu jew jikkummentaw mal-Ġurija, sakemm mhux mitlubin mill-istess Ġurija.

## 5. SUSSIDJU FINANZJARJU

5.1. Kull Parteċipant ser jitħallas sussidju ta' €1,750 għal kull raddiena li jipparteċipa biha.

5.2. F'każ ta' diskwalifikazzjoni, is-sussidju jista' jew ma jingħatax, jew jitnaqqas.

5.3. F'każ li l-Parteċipanti jkunu laħqu bdew jarmaw l-irdieden u l-festival ikollu jitħassar u, l-Organizzatur għandu joħroġ direzzjoni bil-miktub fiż-żewġ istanzi, allura dawn għandhom jitħallsu hekk kif imiss:

- 5.3.1. Ikun laħaq beda jintrama l-ħadid bla nar: jsir ħlas ta' 25% tal-ħlas dovut lilhom.
- 5.3.2. Ikun lahaq beda jintrama l-logħob tan-nar: jitħallsu 100% tal-ħlas dovut lilhom.

## 6. IL-ĠURIJA U L-VOTAZZJONI TAL-FESTIVAL

6.1. Il-Ġurija ser tkun magħmula minn tlitt piroteknići barranin u teknići oħra Maltin. Dawn ser ikollhom Chairperson Malti li jintgħażel mill-Għaqda Piroteknika Maltija.

6.2. Fi kwalunkwe ħin tax-xogħol tagħha il-Ġurija tista' tirrikjedi preżentazzjoni ta' dokumenti li juru l-konformita' tal-Parteċipanti ma' dawn ir-regolamenti.

6.3. Il-Ġurija se tevalwa x-xogħol kemm waqt l-armar kif ukoll waqt il-ħruq.

6.3.1. Huwa mistenni li l-Ġurija tagħmel minn tal-inqas żewġ site visits (skond l-iskeda) u f'waħda minn dawn iż-żjarat il-Ġurija trid titħalla tiċċekkja u tosserva parametri tal-irdieden kompetittivi, u tagħmel mistoqsijiet jew tiddiskuti ma' rappreżentant ta' kull Parteċipant.

6.4. Għalhekk, kull Parteċipant irid jinkariga persuna waħda biex tispjega lill-Ġurija x-xogħol tiegħu f'kull mument imsemmi, speċjalment x'wieħed jistenna li jara u jesperjenza waqt li r-raddiena ser tkun qegħda tinħaraq.

6.4.1. Il-persuna nkarigata minn kull Parteċipant trid tkun identifikata fl-applikazzjoni. F'każ ta' bżonn din il-persuna tista' tinbidel.

6.4.2. L-ideali li l-persuna nkarigata tkun taf tikkomunika anke bil-lingwa Ingliża. Jekk dejjem tinħass il-ħtieġa iċ-Chairperson ikun jista' jgħin lill-Parteċipant jikkomunika mal-Ġurija bil-lingwa Ingliża u jekk hemm bżonn b'xi lingwa oħra.

6.4.3. Il-Parteċipanti jridu jippreparaw u jippreżentaw dokument li jispjegaw il-kunċett wara r-raddiena/irdieden u l-oġġettivi li fi ħsiebhom jilħqu waqt il-ħruq ta' din/dawn. Dan għandu jinkludi:

i. Id-disinji li ser jinħolqu sew bil-gassijiet u/jew bil-funtajjen tal-kulur.
ii. il-kuluri tal-gassijiet u/jew il-funtajjen tal-kulur.
iii. kemm-il darba hu mistenni li r-raddiena iddur.
iv. Il-pjan tal-ħruq tar-raddiena.

6.5. Waqt il-ħin tal-evalwazzjoni fuq il-post tal-ħruq (site visits) il-Ġurija għandha tieħu ħsieb tiċċekkja:

6.5.1. Li l-irdieden parteċipanti huma dawk iddikjarati mill-parteċipant.

6.5.2. Li l-qisien tal-irdieden parteċipanti huma konformi mar-regolamenti.

6.5.3. Li l-armar tal-irdieden, b'mod partikolari l-arblu u xi strutturi ta' sapport huma konformi ma' dawn ir-regolamenti.

6.5.4. Li l-electronic igniters huma mqabbdin ma' żewġ cues.

6.6. Waqt il-ħin tal-ħruq il-Ġurija trid tassigura ruħha li:

6.6.1. Kull raddiena damet tinħaraq skond il-ħin minimu/massimu stipulat minn dawn ir-regolamenti.

6.6.2. Ma ntuża l-ebda logħob tan-nar, effetti piroteknići jew oħrajn, huma kontra dawn ir-regolamenti.

6.6.3. Li l-electronic igniters inħarqu skond ir-regolamenti.

6.7. Il-Ġurija ser tevalwa x-xogħol kollu u tagħti l-verdett tagħha wara li b'mod privat u taħt forma ta' kumitat terġa tara filmati tal-ħarqa kollha u ssir deliberazzjoni. Dan iseħħ fil-ġurnata u ħin indikat fl-iskeda.

    6.7.1. Ic-Chairperson jista' jitlob lill-Organizzaturi għall-estensjoni tal-ħin tad-deliberazzjoni.

6.8. Il-Ġurija (mhux iċ-Chairperson tal-Ġurija) se tkun totalment responsabbli biex tiġġudika l-punti tal-kompetizzjoni u tiddikjara l-pożizzjonijiet miksuba mill-Parteċipanti.

6.9. Jekk waqt l-armar u/jew il-ħarqa u/jew iż-żarmar xi Parteċipant jikser wieħed jew aktar minn dawn ir-regolamenti, il-Ġurija tista' tippenalizza lill-Parteċipant b'nuqqas ta' punti jew skwalifika ġenerali.

6.10. Kull deċiżjoni meħuda mill-Ġurija inkluż ir-riżultat, huma finali.

## 7. KATEGORIJI TAL-FESTIVAL

7.1. Kategorija 1: **Raddiena Mekkanizżata tal-Katina**

F'din il-kategorija ir-raddiena trid tinkludi b'mod predominanti l-użu ta' katina ta' kull forma u tip, bil-gassijiet imwaħħlin direttament magħha. Bħala raddiena trid tkun pjanata u armata fuq żewġ assi (X u Y). Din trid iddur permezz tal-funtani tal-porvli; b'mod dirett jew b'generazzjoni ta' saħħa permezz ta' mekkaniżmu li jirriduċi l-veloċità mill-funtani tal-porvli għal aktar saħħa iżda veloċità baxxa lejn il-katina. F'din il-kategorija l-użu ta' funtani tal-kulur huwa projbit, biss kull tip ta' gass b'effett piroteknku li jiġġenera kulur u effett ieħor mal-katina huwa aċċettat.

7.2. Kategorija 2: **Raddiena Mekkanizżata tal-Universal**

F'din il-kategorija ir-raddiena trid tinkludi b'mod predominati l-użu tal-'universal joints, li flimkien jissinkronizzaw id-disinji li jixgħelu bil-gassijiet, u li ddur permezz tal-funtani tal-porvli b'mod dirett jew b'generazzjoni ta' saħħa permezz ta' mekkaniżmu li jirriduċi l-veloċità mill-funtani tal-porvli għal aktar saħħa iżda veloċità baxxa lejn il-"universal joints". F'din il-kategorija l-użu ta' funtani tal-kulur huwa projbit, biss kull tip ta' gass b'effet piroteknku li jiġġenera kulur u effet ieħor mad-disinji huwa aċċettat. Bħala raddiena trid tkun pjanata u armata fuq żewġ assi (X u Y).

7.3. Kategorija 3: **Raddiena Mekkanizżata 2D**

F'din il-kategorija ir-raddiena trid tinkludi b'mod predominati l-użu ta' mekkanizmu/i sabiex, jissinkronizzaw u jċaqilqu d-disinji flimkien li jixgħelu bil-gassijiet, u li ddur permezz tal-funtani tal-porvli b'mod dirett jew b'ġenerazzjoni ta' saħħa permezz ta' mekkaniżmu li jirriduċi l-veloċità mill-funtani tal-porvli għal aktar saħħa iżda veloċità baxxa lejn id–disinji. F'din il-kategorija l-użu ta' funtani tal-kulur huwa projbit, biss kull tip ta' gass b'effett piroteknku li jiġġenera kulur u effett ieħor mad-disinji huwa aċċettat. Bħala raddiena trid tkun pjanata u armata fuq żewġ assi (X u Y).

7.4. Kategorija 4: **Raddiena Mekkanizżata 3D**

F'din il-kategorija ir-raddiena trid tinkuludi b'mod predominati l-użu tal-mekkaniżmu/i sabiex, jissinkronizzaw u iċaqalqu d-disin/ji u l-formazzjoni taghom f'format "3D" u li jixgħelu bil-gassijiet. Bħala raddiena trid tkun pjanata u armata fuq tlett assi (X, Y u Z). Ir-raddiena trid iddur permezz tal-funtani tal-porvli b'mod dirett jew b'ġenerazzjoni ta' saħħa permezz ta' mekkaniżmu li jirriduċi l-veloċità mill-funtani tal-porvli għal aktar saħħa iżda veloċita baxxa lejn id-disin/ji 3D. F'din il-kategorija l-użu ta' funtani tal-kulur huwa projbit, biss kull tip ta' gass b'effett piroteknku li jiġġenera kulur u effet ieħor mad-disinji huwa aċċettat.

7.5. Kategorija 5: **Raddiena Mekkanizżata tal-funatani tal-Kulur.**

F'din il-kategorija ir-raddiena trid tinkludi b'mod predominati l-użu tal-funtani tal-kulur iżda mhux biss, sabiex b'mod mekkaniżat (jiġifieri kull tip ta' mekkaniżmu inkluż dawk imsemmija f' Kategorija 1 sa 4) turi l-kapaċità piroteknika u l-oriġinalita fl-effett tal-esbizzjoni provduta. Ir-raddiena jew disinn jista' jiċċaqlaq permezz tal-funtani tal-kulur stess jew permezz tal-funtani tal-porvli b'mod dirett jew b'ġenerazzjoni ta' saħħa permezz ta' mekkaniżmu li jirriduċi il-veloċità mill-funtani għal aktar saħħa iżda b'veloċità baxxa lejn id-disinn/ji.

## 8. Tqassim tal-voti mill-Ġurija

8.1. Sabiex tasal għar-riżultati finali, il-ġurija ser tikkunsidra dawn l-aspetti :

8.1.1. Id-disinn li toħloq ir-raddiena waqt li tkun qegħda tinħaraq (japplika għall-Kategoriji kollha).

8.1.1.1. Dan jinkludi, u mhux limitat biss għal kemm id-disinn ikun viżwalment attraenti, l-ispettakolarita, l-effetti sorpriża, it-tibdil fil-forom tad-disinji, it-tlaqqiegħ tal-kuluri u l-oriġinalita bejn l-irdieden parteċipanti fil-kompetizzjoni.

8.1.2. Il-kwalità tal-funtani tal-porvli (japplika biss għal Kategoriji 1 sa 4).

8.1.2.1. Dan jinkludi, u mhux limitat biss għas-saħħa ġġenerata mill-funtajjen u l-affidabbiltà tal-prodott, titjir tat-tafal u sparar.

8.1.3. Il-kwalita tal-gassijiet u effetti li jdawwlu id-disinn (japplika biss għall-Kategoriji 1 sa 4).

8.1.3.1. Dan jinkludi, u mhux limitat biss għall-intensita tal-kuluri, il-varjetà ta' kuluri u prodotti, timing tal-gassijiet (anke mal-funtajjen tal-porvli) u l-qlib tal-kuluri.

8.1.4. Il-kwalità tal-funtani tal-kulur jew prodotti oħra li jkunu preżentati u użati (japplika biss għall-Kategorija 5).

8.1.4.1. Dan jinkludi, u mhux limitat biss għall-intensita u kwalità tal-kuluri u raxxijiet, il-varjetà ta' kuluri u prodotti, timing tal-funtajjen ma' xulxin u ma' prodotti oħra.

8.1.5. L-andament tal-ħruq skont il-pjan (japplika għall-Kategoriji kollha).

8.1.5.1. Dan jinkludi kemm minn dak li kien pjanat u maħsub, minn dak li kien spjegat lill-ġurija u minn dak li kien preżentat fid-dokument, irnexxa.

8.1.6. Il-manifattura tal-istruttura tar raddiena u disinji (japplika għall-Kategoriji kollha).

8.1.6.1. Dan jinkludi, iżda mhux limitat biss għal kunsiderazzjoni tal-materjali li ntużaw u jekk intużawx b'mod adegwat, xi idea innovattiva bejn il-parteċipanti, il-kwalità' tax-xogħol fuq l-injam, ħadid u materjali oħra, ix-xogħol tal-welding, il-kundizzjoni tar-raddiena inkluż żebgħa u manutenzjoni ġenerali tagħha.

8.1.7. L-immuntar tal-elementi pirotekniċi mar-raddiena (japplika għall-Kategoriji kollha).

8.1.7.1. Dan jinkludi, iżda mhux limitat biss kwalità tal-inkartar, irbit, inkullar u kkappuċċar tal-funtajjen tal-porvli u tal-kulur, ikkumnikar tal-gassijiet, ikkuminkar u sensil tal-miċċa tal-ikkumnikar, l-ispazji rispettivi ta' bejn il-gassijiet u funtajjen ikunu ugwali.

8.1.8. Il-manifattura tal-elementi mekkaniċi fir-relevanza tal-kategorija rispettiva (japplika għall-Kategoriji kollha).

8.1.8.1. Dan jinkludi, iżda mhux limitat biss għall-użu ta' xaftijiet ta' qies addattat, l-użu ta' fastners (boltijiet, rivets, viti), proċess ta' manufattura tal-gearijiet, kammijiet u levels (CNC, laser cutting, bl-idejn), l-użu ta' bearing u mollol, u l-użu ta' metodi oħra innovattiva.

8.1.9. L-organizzazzjoni waqt l-armar (japplika għall-Kategoriji kollha).

8.1.9.1. Il-grupp kemm hu organizzat, dixxiplinat u uniformi, kemm qiegħed iżomm il-post nadif waqt l-armar, waqt il-ħruq u wara l-ħruq, kemm jimxi mad-direzzjonijiet tal-Organizzatur.

8.1.10. Il-ħarsien tas-saħħa u sigurtà waqt l-armar u ż-żarmar (japplika għall-Kategoriji kollha).

8.1.10.1. Kemm-il grupp josserva dak kollu li hemm miktub fir-risk assessment, speċjalment u għal prattiċi tajbin li jeliminaw jew jikkontrollaw il-perikli u r-riskji.

8.1.11. Sportsmanship trophy (bla punti).

8.1.12. Il-Ġurija ser tagħti Sportmanship Trophy lil dak il-Parteċipant/i li iddistingwew ruħhom fl-għaġir u fl-etika u/jew li f'każ ta' bżonn għenu Parteċipanti oħra.

8.2. Il-Ġurija ser tikkunsidra l-irdieden tal-Parteċipanti skond il-klassi rispettiva li applika għaliha, kif ukoll skond l-artikolu 7.6. Il-voti ser jitqassmu skond l-iskeda t'hawn taħt. Bħal ma huwa indikat fl-iskeda kull raddiena tista' ġġib massimu ta' 250 punt u għalhekk fejn għandek parteċipant li daħal jikkompeti b'żewġ irdieden il-valur massimu ta' punti li jistgħu jinkisbu huwa ta' 500.

| **Tqassim tal-punti għall-Kategoriji 1 sa 4** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Referenza** | **Deskrizzjoni** | **Judge A** | **Judge B** | **Judge C** | **Engineer** | **HS** |
| 8.1.1 | Id-disinn li toħloq ir-raddiena. | 20 | 20 | 20 | | |
| 8.1.2 | Il-kwalita tal-funtajjen tal-porvli. | 10 | 10 | 10 | | |
| 8.1.3 | Il-kwalita tal-gassijiet u effeti li jdawwlu id-disinn. | 10 | 10 | 10 | | |
| 8.1.5 | L-andament tal-ħruq skont il-pjan. | 10 | 10 | 10 | | |
| 8.1.6 | Il-manifattura tal-istruttura tar-raddiena u disinji. | | | | 30 | |
| 8.1.7 | L-immuntar tal-elementi prioteknici mar-raddiena. | 5 | 5 | 5 | | |
| 8.1.8 | Il-manifattura tal-elementi mekkaniċi fir-relevanza tal-kategorija rispettiva. | | | | 25 | |
| 8.1.9 | L-organizzazzjoni waqt l-armar. | 5 | 5 | 5 | | |
| 8.1.10 | Il-ħarsien tas-saħħa u sigurtà waqt l-armar u ż-żarmar. | | | | | 15 |
| | *Punti totali għal raddiena f'Kategorija 1 sa 4 ta' kull Ġurat* | 60 | 60 | 60 | 55 | 15 |
| | *Punti totali għal raddiena f'Kategorija 1 sa 4* | | | 250 | | |

| **Tqassim tal-punti għall-Kategoriji 5** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Referenza** | **Deskrizzjoni** | **Judge A** | **Judge B** | **Judge C** | **Engineer** | **HS** |
| 8.1.1 | Id-disinn li toħloq ir-raddiena. | 20 | 20 | 20 | | |
| 8.1.4 | Il-kwalità tal-funtani tal-kulur jew prodotti oħra li jkunu preżentati u użati. | 20 | 20 | 20 | | |
| 8.1.5 | L-andament tal-ħruq skont il-pjan. | 10 | 10 | 10 | | |
| 8.1.6 | Il-manifattura tal-istruttura tar-raddiena u disinji. | | | | 30 | |
| 8.1.7 | L-immuntar tal-elementi piroteknici mar-raddiena. | 5 | 5 | 5 | | |
| 8.1.8 | Il-manifattura tal-elementi mekkaniċi fir-relevanza tal-kategorija rispettiva. | | | | 25 | |
| 8.1.9 | L-organizzazzjoni waqt l-armar. | 5 | 5 | 5 | | |
| 8.1.10 | Il-ħarsien tas-saħħa u sigurtà waqt l-armar u ż-żarmar. | | | | | 15 |
| | *Punti totali għal raddiena f'Kategorija 5 ta' kull Ġurat* | 60 | 60 | 60 | 55 | 15 |
| | *Punti totali għal raddiena f'Kategorija 5* | | | 250 | | |
| | **Total ta' punti għall-Parteċipant** | | | **500** | | |

## 9. Rebbieħa u premjijiet

9.1. **Rebħ ta' kategorija** jsir minn dak il-Parteċipant li jġib l-akbar ammont ta' punti bejn il-Parteċipanti tal-istess kategorija.

9.2. Kull rebbieħ ta' kategorija jirbaħ plakka kommemorattiva u premju finanzjarju ta' €325.

9.3. **Ir-rebbieħ tal-festival** ikun dak il-Parteċipant li jikseb l-akbar ammont ta' punti meta jingħaddu l-punti li jkun kiseb fiż-żewġ kategoriji.

9.4. Ir-rebbieħ tal-festival jirbaħ plakka kommemorattiva, jitnaqqax isem il-Parteċipant fuq ix-shield, ix-shield u trofew li jinżammu għal sena, u premju finanzjarju ta €325.

9.5. Ir-rebbieħ tal-iSportsmanship Trophy jirbaħ trofew jew plakka.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

10.1. L-Organizzatur se jieħu ħsieb l-ispejjeż kollha konnessi, jiġifieri l-permessi kollha meħtieġa, l-polza tal-assigurazzjoni, armar u tiżjin tal-post, PA system, assistenza tas-servizzi tal-emerġenza inkluż is-servizzi ta' vettura tat-tifi tan-nar, krejn/s biex isir l-armar u ż-żarmar tal-irdieden, cherry-picker/s, forklifter/s, risk assessment tal-attivita, ċertifikazzjoni tat-temporary structures kollha inkluż l-irdieden, is-sussidju li jingħata lill-parteċipanti u l-premijiet.

10.2. Is-sekwenza li fiha jintramaw l-irdieden fuq il-Fosos tittella' bil-polza mill-Organizzatur fil-preżenza tal-parteċipanti u tal-Għaqda Piroteknika Maltija.

10.2.1. Is-sekwenza u d-direzzjoni tal-armar tibda minn naħa tal-Knisja Arċipretali lejn il-monument tal-Indipendenza

10.2.2. Madanakollu, is-sekwenza tal-ħruq tista' tinbidel u dan minħabba d-direzzjoni tar-riħ waqt l-attività.

10.2.3. Id-deċiżjoni finali ta' kif għandha tkun is-sekwenza tal-ħruq tittieħed mill-Ġurija ftit tal-ħin qabel eventwalment jibda l-Festival, u d-deċiżjoni tkun finali.

10.3. F'każ ta' maltemp, il-Festival għandu jiġi pospost b'erbgħa u għoxrin (24) siegħa jew kif maqbul bejn l-Organizzatur, l-Għaqda Piroteknika Maltija u l-Malta Tourism Authority.

10.3.1. F'każ ta' din is-sitwazzjoni, iż-żmien tal-protesti, l-evalwazzjoni tal-Ġurija u t-tħabbit tar-riżultati jistgħu jkunu skedati mill-ġdid.

10.4. Kemm-il darba xi Parteċipant ikun jixtieq itellgħa xi inġenji fuq il-Fossos, dan għandu jitlob il-permess tal-Kunsill Lokali tal-Floriana.

10.5. Kull ksur ta' regolament minn xi Parteċipant jista' jirriżulta f'diskwalifikazzjoni immedjata jew tnaqqis ta' punti.

10.5.1. F'każ ta' diskwalifikazzjoni, is-sussidju jista' jitnaqqas jew ma jingħatax.

10.6. Kull att ta' diżonesta jew nuqqasijiet oħra jkunu rappurtati lill-Organizzatur u jittieħdu azzjonijiet skond il-ħtieġa.

10.7. L-Organizzatur jirriżerva d-dritt li jemenda dawn ir-regoli wara li ssir konsultazjoni u qbil mal-Għaqda Piroteknika Maltija kif meħtieġ u jkun komunikat mill-aktar fis bil-miktub mal-Parteċipanti kollha.

10.8. Il-Parteċipanti kollha għandhom jirrispettaw id-direttivi maħruġa mill-Organizzatur jew rappreżentanti tiegħu.

## 11. PROTESTI

11.1. F'każ li xi Parteċipant/Kompetitur ikollu xi protest fuq l-andament tal-Festival jew fuq xi ħaġa li jaħseb/jara li ma tkunx saret kif suppost minn xi Kompetitur partikolari, dan għandu jitwassal bil-miktub liċ-Chairperson tal-Ġurija fi żmien 24 siegħa mill-allegat ksur tar-regolamenti u sa mhux aktar tard mit-8.00am tal-għada ta' minn meta tkun saret il-ħarqa.

11.2. Il-protest għandu jkun imsaħħaħ bi provi konkreti li jgħinu fl-evalwazzjoni tal-istess protest.

11.3. Il-protest ikun evalwat mill-Ġurija qabel ma jibda l-ġudizzju tal-kompetizzjoni.

11.4. Fi tmiem tal-evalwazzjoni tal-protest il-Ġurija għandha tippreżenta rapport/dikjarazzjoni bil-miktub fuq l-istess protest, is-sejbiet, u l-eżitu.

11.5. Dan jista' jwassal għal dewmien fil-ġudizzju tal-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni, għalhekk, bi qbil mal-Organizzaturi t-tħabbir tar-riżultati tal-kompetizzjoni jista' jkun pospost bi ftit ġranet,

## 12. TĦABBIR TAR-RIŻULTATI U OBBLIGI TAR-REBBIEĦA

12.1. Ir-riżultati kollha jitħabbru mill-Kunsill Lokali tal-Floriana (l-Organizzatur), l-Malta Tourism Authority, flimkien maċ-Chairperson u l-Ġurija.

12.2. Dan iseħħ ġewwa l-Uffiċini tal-Kunsill Lokali tal-Floriana, l-ewwel Tnejn ta' wara l-ħarqa, fil-ħin ta' filgħaxija.

12.2.1. F'każ ta' postponiment, għandha tinstab l-eqreb data possibbli.

12.3. Immedjatament wara t-tħabbira issiru l-premjazzjonijiet.

12.4. Ir-rebbieħ globali tal-Festival tan-Nar tal-Art ser ikun l-ewwel wieħed avviċinat sabiex jekk irid, jagħmel l-għeluq tal-Festival tas-sena ta' wara bi prodotti manifatturati lokalment.